# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 68

Data tal-laqgħa: 22 ta' Mejju, 2019

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 22 ta' Mejju 2019 fis-6.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| Assenti b'Apoloġiji | Mario Gauci |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.35p.m. billi ntqalet it-talba.

**68/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**68/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Mario Gauci. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

**68/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 66 u 67**

**68/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**68/02/02** **Para 66/02/02:** Is-Sindku qal li l-*information panel* dalwaqt tkun lesta.

**68/02/03** **Para 66/02/03:** Is-Sindku nforma li x-xogħol fi Sqaq ix-Xgħajrat lest.

**68/02/04** **Para 66/02/04:** Is-Sindku qal li l-fuljett tqassam.

**68/02/05** **Para 66/02/05:** Is-Sindku qal li l-offerta ġdida għat-Tabelli u Sinjali ta' Traffiku kif ukoll l-offerta għal ġbir ta' skart imħallat u skart organiku dalwaqt joħorġu u jiġu aġġudikati mill-Kunsill il-ġdid.

**68/02/06** **Para 66/02/06:** Il-Kunsill irċieva ħames stimi għas-servizz ta' Data Protection Officer. Kien hemm qbil unanimu li tiġi approvata l-istima tal-Advisory 21.

**68/02/07** **Para 66/02/07:** Is-Sindku fakkar li l-Kunsill ħareġ komunikat liż-żewġ skemi sabiex jissottomettu l-proposta tagħhom għal ġbir ta' skart riċiklat. Din is-sejħa tagħlaq fil-31 ta' Mejju 2019.

**68/02/08** **Para 66/02/08:** Is-Sindku qal li t-tabella *no-entry* ħdejn il-Każin tal-Banda fit-Triq l-Oratorju lesta.

**68/02/09** **Para 66/02/11:** Is-Sindku qal li l-Kunsill fakkar lil ENEMALTA biex issir lampa ġdida fi Sqaq il-Qiegħed.

**68/02/10** **Para 66/02/12:** Is-Sindku nforma li l-bankijiet li hemm ġewwa s-Searchlight Battery għadhom ma tpoġġewx fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**68/02/11** **Para 66/02/13:** Is-Sindku qal li t-tabella tal-ħinijiet tal-iskola (ta' ħdejn il-każin tal-football) ġiet fuq *pole*.

**68/02/12** **Para 66/02/14:** Is-Sindku nforma li żewġ tabelli ġodda għal Triq il-Mitħna saru.

**68/02/13** **Para 66/02/15:** Is-Sindku qal li ser tiġi organizzata attività għal anzjani u serata għal Jum il-Għargħur.

**68/02/14** **Para 66/05/22:** Is-Sindku nforma li ħaddiema tal-Kunsill naddfu s-saqaf ta' Torri ta' Semaforu.

**68/02/15** **Para 66/05/23:** Is-Sindku qal li twaħħlet bozza ġdida fi Sqaq iċ-Ċawl.

**68/02/16** **Para 66/05/25:** Is-Sindku nforma li anke jekk issir l-ikbar mera fi Triq il-Ġnien int u ġej mill-*bridge* ta' fejn il-*Madliena Village* direzzjoni Għargħur xorta waħda ma tarax il-karozzi minħabba l-*blind spot*. Il-Kunsill qabel li jieħu parir minn Transport Malta.

**68/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**68/03/01** Is-Sindku qal li irċevejna żewġ BOQs ta' xogħol li sar fi Sqaq ix-Xgħajrat. [Bill of Quantities icw Road Works at Triq ix-Xghajrat, Gharghur u Bill of Quantities icw WSC Works at Triq ix-Xghajrat, Gharghur]. Is-SE ħa tara li r-rati tajbin biex filkas jitħallsu. Kien hemm qbil unanimu.

**68/03/02** Is-Sindku ippreżenta l-applikazzjoni għal Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni. Din l-applikazzjoni ġiet approvata.

**68/03/03** Is-Sindku ressaq li nixtru madwar €200 kotba. Is-Sur Mark Azzopardi ħa jieħu ħsieb jagħżel il-kotba. Kien hemm qbil unanimu.

**68/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**68/04/01** Ma kienx hemm.

**68/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**68/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 30 t' April 2019).

**68/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Marie-Jeanne Borg – Ċirkulari Numru 6/2019 – CCTV Cameras installati mill-Kunsilli Lokali.

**68/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* PC0016/19 – "*Proposed zoning for language school at ground floor and accommodation on upper levels and parking at basement.*" *Location of Site* Triq ix-Xwieki. Kien hemm qbil unanimu li tintbagħat ittra ta' oġġezzjoni peress li ODZ.

**68/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 8 ta' Mejju 2019). Kien hemm qbil unanimu li tintbagħat ittra ta' oġġezzjoni fuq il-permess PA/03566/19 [Demolition of roof and part external wall of disused farm, construction of underground reservoir, re-construction and extension and change of use to residence. Jeanpaul Azzopardi, 'Razzett ta' Sinna', Triq in-Naxxar, Għargħur.

**68/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Perit Antoinette Conti (minn TM) fejn numru ta' residenti qed jitolbu li Triq San Nikola tiġi "*no entry*" min-naħa waħda. Il-Kunsill Lokali qabel li Triq San Nikola tiġi "*no entry except to render a service*" min-naħa waħda.

**68/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-Perit Antoinette Conti (minn TM) fejn approvaw it-talba tal-Kunsill li teħel tabella "*no entry* 06.00am – 8.00 am *school days only* " fi Triq Monsinjur Luigi Catania k/m Triq l-Isqof Gargallo. Ġie deċiż li nitolbu lil TM joħorġu permess speċjali sabiex il-van tagħhom ikun jista' jdur 'il fuq.

**68/05/07** Il-Kunsill Lokali tal-Għargħur iffirma kuntratt ta' devoluzzjoni mal-Lands Authority fuq il-ħanut nru 27, fi Triq San Bartilmew, Għargħur.

**68/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Christian Tanti – RE: Meeting between LC and IM – 14.05.2019. Kien hemm qbil unanimu li nużaw l-assistenza li IM lesta tagħti l-Kunsilli Lokali li qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' dewmien esaġerat fejn jidħlu kuntratturi privati peress li ż-żmien qed jagħfas, ix-xoghol isir minn Kuntratturi f'isem IM imma l-proġett (Miżura 4.3) jibqa' tal-Kunsill.

**68/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 15 ta' Mejju 2019).

**68/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Suzanne Attard - SPI.SCI.9.2019 - C CARE Project - Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunita'. Is-SE ħa tiltaqa' ma' Sur Christopher Fenech biex flimkien jaraw l-applikazzjoni iktar fid-dettal speċjalment fejn jidħol *cat café* u *neutering*.

**68/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Mireille Portelli – SPI.SCI.10.2019 – Skema Finanzjarja Żvilupp ta' Libreriji Lokali Reġjonali f'Ċentri.

**68/05/12** Il-Kunsill irċieva stima għal *speed hump* mingħand Mario Mallia. Din l-istima (€506.33) ġiet approvata.

**68/05/13** Il-Kunsill irċieva stima għal *speed hump* mingħand Andrew Vassallo General Trading Ltd.

**68/05/14** Fuq it-talba għal *parking* fi Triq Caravaggio faccata ta' djar 51/53 Triq Caravaggio. Ġie deċiż li ssir *site-visit* u jekk joqgħod *parking space* isir.

**68/05/15** Fuq it-talba għal bankina fi Triq Emmanuel Perren għax qed jipparkjaw il-karozzi u ma jkunx jista' jidħol fil-garaxx (lest li jagħmilha spejjez għalih). Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**68/05/16** Fuq it-talba għal *sleeping police* fi Sqaq ix-Xgħajrat. Il-Kunsill qabel li jagħmel kuntatt mal-Għaqda tan-Nar peress li f'din it-triq hemm il-kamra tan-nar. Barra minn hekk, jekk din l-Għaqda taqbel ma' dan is-suġġeriment trid tibgħat tgħidilna bil-miktub.

**68/05/17** Fuq it-talba għal one-way fi Triq San Nikola. Il-Kunsill Lokali diġà qabel li Triq San Nikola tiġi "*no entry except to render a service*" min-naħa waħda.

**68/05/18** Fuq it-talba għal *rubber hump* fi Triq San Ġwann faċċata tal-wine bar / funeral services. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**68/05/19** Fuq it-talba għal kaxxa safra jew *dyl* quddiem xatba biex ikollhom aċċess għal għalqa li hemm fi Triq Mons. Luigi Catania. Kien hemm qbil unanimu.

**68/05/20** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li jsir *dog bin* fi Triq Katerina Sammut. Kien hemm qbil unanimu.

**68/05/21** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nordnaw 3 tabelli [Librerija Miftuħa/Open Library] biex jeħlu mal-entraturi. Kien hemm qbil unanimu.

**68/05/22** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nixtru erba' qsari. Kien hemm qbil unanimu.

**68/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**68/06/01** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**68/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**68/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**68/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**68/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:20p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 19 ta' Ġunju 2019 fis-6:00pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**